# FIL-QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum, l-Erbgħa 25 ta' Ġunju, 2025**

**RIKORS NRU: 2/2024 ISB**

**L-Avukat Dr Michael Psaila detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 398480(M) bħala mandatarju speċjali ta' Mediterranean Overseas Holdings Limited, soċjeta' estera reġistrata fil-British Virgin Islands, bin-numru ra' registrazzjoni 1469705 u ta' Corinthia (Malta) Staff Services Limited soċjea' inkorporata u reġistrata f'Malta, bin-numru ta' reġistrazzjoni C19442**

**Vs**

**X**

**DIGRIET MOGĦTI IN CAMERA GĦAR-RIKORS TA' KEVIN CAMILLERI K.I. 531871M ET TAD-9 TA' ĠUNJU 2024 MAGĦMUL AI TERMINI TAL-ARTIKOLU 229(4) TAL-KAP 12 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors ta' Kevin Camilleri** tad-9 ta' Ġunju 2025 u li permezz tiegħu, wara l-premessi minnu magħmula, talab lil din il-Qorti sabiex:

> ***Tirrikonsidra mill-ġdid id-deċizjoni tagħha fid-digriet mogħti nhar it-3 ta' Jannar 2025, u dan taħt dawk il-provvedimenti u modalitajiet kollha li jidhrilha xieraq u opportuni.***

Rat il-verbal tal-aħħar udjenza miżmuma, dik tal-4 ta' Ġunju 2025;

Rat id-digriet provvizorju tagħha tal-11 ta' Ġunju 2025;

Rat ir-Risposta tar-Riċevitur Uffiċjali tat-18 ta' Ġunju 2025;

**Ikkunsidrat:**

Illi bid-digriet li din il-Qorti qed tiġi mitluba illi tirrikonsidra, il-Qorti kienet, għar-raġunijiet hemmhekk elenkati, ċaħdet it-talba tar-rikorrenti et kif mressqa fir-rikors tagħhom tal-20 ta' Novembru 2024, senjatament fil-konfront tas-soċjeta' xjolta Azure Services Limited, b'dan illi nżammu mpreġudikati d-drittijiet tar-rikorrenti et illi jitolbu lill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili illi l-kawża 77/2022GG titkompla fil-konfront tal-hemmhekk intimati oħra.

Illi huwa paċifiku jingħad illi s-soċjeta' Azure Services Limited (C 31224) kienet ġiet xjolta in segwitu għal riżoluzzjoni straordinarja tagħha tas-27 ta' April 2020 u kien inħatar bħala stralċarju l-Avukat Dr Richard Galea Debono, liema stralċarju rreżenja mill-kariga f'Mejju 2023 u konsegwentament, b'deċiżjoni ta' din il-Qorti tal-24 ta' Mejju 2024, ġiet maħtura stralċarju r-Riċevitur Uffiċjali.

Huwa paċifiku jingħad ukoll illi kien fil-31 ta' Jannar 2022 illi r-rikorrenti et ressqu il-quddiem l-azzjoni tagħhom bin-numru 77/2022GG mertu ta' din il-vertenza, liema proċeduri din il-Qorti reġgħet ħadet konjizzjoni tagħhom.

Jirriżulta ukoll mill-atti, illi dawn il-proċeduri huma ntiżi primarjament sabiex jiġi stabbilt jekk is-soċjeta' xjolta Azure Services Limited, fost oħrajn, hix responsabbli għal ksur ta' relazzjoni kontrattwali li kellha mar-rikorrenti et, u jekk fl-affermattiv, tiġi determinata r-responsabblita' tagħħa għal danni reali u morali.

Illi jirriżulta illi l-proċeduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili msemmija jinsabu sospiżi pendenti din it-talba, iżda din il-Qorti osservat illi l-proċeduri *de quo* quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kienu istitwiti wara illi s-soċjeta' Azure Services Limited kienet ġja ġiet xjolta. Mhux biss, imma jirriżulta ukoll illi l-provi

tar-rikorrenti et f'dawk il-proċeduri kienu ngħalqu fl-udjenza tas-27 ta' April 2023 u fil-fatt fis-seduta sussegwenti, dik tat-3 ta' Ottubru 2023, kien anke ngħata bidu għall-provi tal-inimtati, sakemm mbagħad wasslet ir-riżenja tal-likwidatur Dr Galea Debono u giet maħtura bħala likwidatur ir-riċevitur uffiċjali.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi r-rikorrenti et. qed jibbażaw it-talba tagħhom fuq numru ta' osservazzjonijiet, fosthom ewlenin illi sabiex huma jressqu l-pretensjoni quddiem ir-Riċevitur Uffiċjali, huwa importanti illi jiġi stabbilit id-dritt tagħhom, u jekk inhu l-każ, il-kwantum lilhom dovut. Isostnu ukoll illi l-proċeduri de quo jinsabu fi stadju avvanzat u huwa meħtieġ illi jkun hemm determinazzjoni ta' dawk il-proċeduri sabiex il-likwidazzjoni tal-kumpanija Azure Services Limited tkun tista' tingħalaq b'mod ġiust, anke għaliex il-pretensjonijiet hemmek mressqa ma' jistgħux jiġu determinati fil-kors tal-likwidazzjoni. Ir-rikorrenti et. jappellaw sabiex din il-Qorti tuża d-diskrezzjoni tagħha b'mod illi takkora t-talba peress illi hekk huwa giust.

Fir-risposta tagħha, ir-Riċevitur Uffiċjali, filwaqt illi ssostni l-pożizzjoni tagħha kif ġja kienet qabel espressa għar-rikors oriġinali, b'dana kollu ttemm tgħid, u l-Qorti tosserva illi dan sar b'sens ta' prattiċita', illi fid-dawl tal-istadju avvanzat li diġa' wasslu fih l-imsemmija proċeduri, hija ma kinitx qed topponi li jitkomplew dawn il-proċeduri sakemm din il-Qorti jidhrilha illi jkun fl-interess tal-partijiet kollha.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi huwa minnu illi l-proċeduri 77/2022GG jinsabu fi stadju (almenu fl-istadju tal-prim istanza) avvanzat.

Illi filwaqt illi din il-Qorti trid tibqa' dejjem tħares il-prinċipju illi the fundamental principle upon which winding up is based is the collective nature of proceedings, b'dana kollu ma tistgħax tiskarta d-diskrezzjoni wiesgħa illi l-liġi tpoġġi f'hoġor il-Qorti bl-Artikolu 224(2) tal-KAP 386.

Illi fil-kawża **In Re Exchange Securities & Commodities Ltd (1983) BCLC 186**, inghad illi :-

> *"Generally leave will only be given where some question arises that cannot properly be determined in the winding up and where litigation is needed to resolve matters"*

Ukoll, illi fil-kawża **In Re Barrow (Leeds) Ltd (1982)** ingħad illi :-

> *"Leave will readily be given if the plaintiff undertakes not to enforce against the company any judgment he may obtain, without leave of the court".*

Din il-Qorti, dik id-diskrezzjoni, tqis illi għandha teżertcitha fl-aħjar interess tal-ġustizzja li trid issir ma' kulħadd, mhux lanqas mar-rikorrenti et fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ in eżami, u sejra għalhekk, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq magħmula, tilqa' t-talba u tirrevedi d-deċiżjoni tagħha tat-3 ta' Jannar 2025 fit-termini hawnhekk imsemmija.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, wara illi rat l-atti u għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha, qegħda <u>tirrevedi</u> d-digriet tagħha tat-3 ta' Jannar 2025 b'dan illi qegħda presenzjalment:

a) **<u>tagħti permess</u>** lil Kevin Camilleri et sabiex ikomplu bil-proċeduri bin-numru 77/2022GG pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili ukoll fil-konfront tas-soċjeta' **Azure Services Limited**, b'dan però illi l-Qorti qed tagħmilha ċara illi taħt piena ta' nullita', ir-rikorrenti et ma għandhomx jgħaddu għall-esekuzzjoni ta' ebda sentenza li jistgħu jottjenu fl-istess proċeduri fil-konfront tal-kumpanija/i in likwidazzjoni jekk mhux bil-permess espress ta' din il-Qorti.

b) **<u>tordna</u>** lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili sabiex jara illi kopja ta' dan il-provvediment jiġi inserit in atti tal-kawża pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili bin-numru **77/2022GG** kif differita ghall-15 ta' Lulju 2025.

c) **<u>tordna</u>** illi kopja ta' dan id-digriet jintbgħat b'mezzi elettroniċi lill-Uffiċċju tar-Riċevitur Uffiċjali u lid-difensur tar-rikorrenti et.

**Digriet mogħti *in camera* llum, l-Erbgħa, 25 ta' Ġunju, 2025.**

**Bl-ispejjeż ta' din l-istanza għar-rikorrenti et.**

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Onor. Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |